

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/892

tad-9 ta' Ġunju 2015

rigward l-approvazzjoni ta' pjan għat-tilqim preventiv kontra l-influenza avjarja b'patoġeniċità baxxa f'azjenda li żżomm il-papri kuluverti fil-Portugall u ċerti miżuri li jirrestrinġu l-movimenti ta' dan il-pollam u tal-prodotti tagħhom

(notifikata bid-dokument C(2015) 3745)

(It-test bil-Portugiż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influenza avjarja u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2005/94/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tilqim kontra l-influenza avjarja ikun pprobit fit-territorju tagħhom, ħlief fejn isir tilqim ta' emerġenza jew tilqim preventiv skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet rilevanti tal-Kapitolu IX ta' dik id-Direttiva
- (2) It-Taqsim 3 tal-Kapitolu IX tad-Direttiva 2005/94/KE tippredvi li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu tilqim preventiv fuq il-pollam jew għasafar oħra mrobbijin, bħala miżura fit-tul biex jikkontrollaw dik il-marda meta, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju, huma jqisu li ċerti żoni tat-territorju tagħhom, tipi ta' trobbija ta' pollam jew xi kategoriji ta' pollam jew għasafar oħra mrobbijin huma esposti għar-riskju tal-influenza avjarja.
- (3) Skont l-Artikolu 52(1)(c) ta' dik id-Direttiva, vaċċini awtorizzati skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jew ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ biss għandhom ikunu użati għat-tilqim tat-tjur jew għasafar oħra mrobbijin kontra l-influenza tat-tjur.
- (4) L-influenza avjarja b'patoġeniċità baxxa ġiet eradikata fil-Portugall. Iżda skont ir-riżultati ta' valutazzjoni tar-riskju, il-papri tal-kuluverti ta' valur għoli miżmuma għat-trobbija f'Azjenda f'Vila Nova da Barquinha fir-reġjun ta' Lisboa e Vale do Tejo, Ribatejo Norte, għandhom esposti għar-riskju potenzjali li jiġu infettati bl-influenza avjarja, minħabba l-possibbiltà ta' kuntatt indirett ma' għasafar slavaġ.
- (5) Għalhekk, il-Portugall ippreżenta lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni pjani suċċessivi għat-tilqim preventiv kontra l-influenza avjarja b'patoġeniċità baxxa, bl-aktar waħda riċenti tkun dik li ġiet approvata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/651/UE ⁽⁴⁾ u li ġiet implimentata mill-Portugall sal-31 ta' Lulju 2014.
- (6) Kif previst fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, il-Portugall ressaq rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dak il-pjan lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. Dak ir-rapport wera li ċ-ċirkolazzjoni tal-virus ġiet evitata b'suċċess fil-qatgħat ta' kuluverti imlaqqma kif ukoll f'azjendi tat-tjur li jinsabu fiż-żona tal-inhaw.
- (7) Opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel fl-2005 ⁽⁵⁾, l-2007 ⁽⁶⁾ u l-2008 ⁽⁷⁾ kkonfermaw li tilqim preventiv huwa għodda siewja biex jikkomplementa l-miżuri ta' kontroll għall-influenza tat-tjur.

⁽¹⁾ ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.⁽²⁾ Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).⁽⁴⁾ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/651/UE tat-8 ta' Novembru 2013 li tapprova pjan ta' tilqim preventiv kontra l-influenza avjarja b'patoġeniċità baxxa f'azjenda li żżomm il-papri kuluverti fil-Portugall u ċerti dispożizzjonijiet dwar il-movimenti tagħhom u l-prodotti tagħhom (ĠU L 302, 13.11.2013, p. 53).⁽⁵⁾ Scientific Opinion on Animal health and welfare aspects of Avian Influenza, *EFSA Journal* (2005), 266, p. 1.⁽⁶⁾ Scientific Opinion on Vaccination against avian influenza of H5 and H7 subtypes in domestic poultry and captive birds, *EFSA Journal* (2007), 489.⁽⁷⁾ Scientific Opinion on Animal health and welfare aspects of avian influenza and the risks of its introduction into the EU poultry holdings, *EFSA Journal*, 2008, 715, p. 1).

- (8) Fl-1 ta' Frar 2015, il-Portugall issottometta pjan ġdid għat-tilqim preventiv kontra l-influenza avjarja b'patoġeniċità baxxa lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Dak il-pjan għandu jiġi applikat sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-pjan għat-tilqim preventiv").
- (9) Meta wieħed iqis il-qagħda epidemjoloġika fir-rigward tal-influenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fil-Portugall, ir-riskju assoċjat mat-tip ta' azjenda kkonċernata u tal-ambitu limitat tal-pjan ta' tilqim preventiv, il-pjan għandu jiġi approvat u jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (10) Barra minn hekk, biex tinstab ċirkolazzjoni passiva potenzjali tal-virus tal-marda f'patri kuluverti mlaqqma, is-sorveljanza u t-testjar tal-laboratorju fl-azjenda fejn hemm il-patri kuluverti mlaqqma u l-għasafar sentinelli mhux imlaqqma għandhom isiru kif stipulat fil-pjan ta' tilqim preventiv.
- (11) Huwa xieraq ukoll li jiġu introdotti ċerti restrizzjonijiet fuq il-moviment u t-tqassim tal-patri kuluverti mlaqqma, il-bajd għat-tifqis tagħhom u l-patri kuluverti li jitnisslu minn dawn it-tjur skont il-pjan preventiv ta' tilqim. Minħabba n-numru żgħir ta' patri kuluverti li hemm fir-razzett fejn se jitwettagħ it-tilqim preventiv, kif ukoll għal raġunijiet ta' loġistika u traċċabbiltà, il-patri kuluverti li jkunu ngħataw it-tilqima ma għandhomx jinħarġu mir-razzett, iżda jridu jinqatlu meta jispiċċa ċ-ċiklu riproduttiv tagħhom b'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 ⁽¹⁾ u jintremew b'mod sigur skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ⁽²⁾.
- (12) Il-Portugall ħa miżuri addizzjonali skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/605/KE ⁽³⁾ għall-kummerċ fit-tjur maħsub għall-popolament mill-ġdid tal-provvisti tat-tjur.
- (13) Biex jitnaqqas l-impatt ekonomiku fuq l-azjenda kkonċernata għandhom jiġu stipulati ċerti derogi mir-restrizzjonijiet ta' moviment għall-patri kuluverti li jitnisslu minn patri kuluverti imlaqqma, sakemm dawn il-movimenti ma jżidux ir-riskju tat-tixrid tal-marda u sakemm titwettagħ sorveljanza uffiċjali u jkun hemm konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għall-kummerċ fl-Unjoni.
- (14) Sabiex il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra jkunu jistgħu jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-pjan ta' tilqim preventiv mill-Portugall, huwa xieraq għall-Portugall li jaġġorna regolarment lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.
- (15) Minħabba li l-pjan għandu jiġi approvat għal diversi snin, il-Portugall jista' jkun li jeħtieġ li jagħmel ċerti aġġustamenti għall-pjan ta' tilqim preventiv, bħan-numru ta' kuluvert li jiġu mlaqqma jew it-tip ta' vaċċin li għandu jintuża, kif ukoll it-tmiem prematur ta' tilqim. Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tipprevedi obbligu għall-Portugall biex jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar tali aġġustamenti previsti li l-Kummissjoni tista' jew taqbel li mingħajr ma tkun meħtieġa approvazzjoni tal-pjan jew li għalihom proċedura ta' approvazzjoni ġdida għandha tkun meħtieġa.
- (16) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOOTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistipula ċerti miżuri li se jiġu applikati fil-Portugall f'azjenda waħda fil-muniċipalità ta' Vila Nova da Barquinha, fir-reġjun ta' Lisboa e Vale do Tejo, Ribatejo Norte, fejn it-tilqim preventiv ta' patri kuluverti (Anas platyrhynchos) maħsuba għall-popolament mill-ġdid tal-provvisti tat-tjur tal-kaċċa ("patri kuluverti") isir f'azjenda li tinsab espota għar-riskju tal-introduzzjoni tal-virus tal-influenza avjarja.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/605/KE tas-6 ta' Settembru 2006 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' kummerċ intrakomunitarju tat-tjur maħsuba għall-popolament mill-ġdid tal-provvista ta' annimali tal-kaċċa (ĠU L 246, 8.9.2006, p. 12).

Dawk il-miżuri jinkludu:

- (a) ċerti restrizzjonijiet fuq il-moviment ġewwa l-Portugall u l-bgħit mill-Portugall tal-papri kuluverti mlaqqma, il-bajd għat-tifqis tagħhom u l-papri kuluverti li jtnisslu minnhom;
 - (b) ir-rimi ta' papri kuluverti mlaqqma.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika bla ħsara għall-miżuri ta' ħarsien li se jittieħdu mill-Portugall skont id-Direttiva 2005/94/KE u d-Deċiżjoni 2006/605/KE.

Artikolu 2

Approvazzjoni għall-pjan ta' tilqim ta' prevenzjoni

1. Il-pjan għat-tilqim preventiv kontra l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fil-Portugall, kif imressaq mill-Portugall lill-Kummissjoni fl-1 ta' Frar 2015, biex ikun implimentat fl-azjenda agrikola li saret referenza għaliha fl-Artikolu 1(1) sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-pjan ta' tilqim preventiv") qed jiġi approvat.
2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-pjan ta' tilqim ta' prevenzjoni fuq il-websajt tagħha.

Artikolu 3

Il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-pjan tat-tilqim preventiv

1. Il-Portugall għandu jiżgura li l-pjan ta' tilqim preventiv jiġi implimentat b'vaċċin monovalenti inattivat li fihi is-sottotip H5 tal-influwenza avjarja awtorizzat skont id-Direttiva 2001/82/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 726/2004.
2. Il-Portugall għandu jiżgura li l-pjan ta' tilqim preventiv jiġi implimentat kif innotifikat.

Artikolu 4

L-immarkar u r-restrizzjonijiet fuq il-moviment, it-tqassim u r-rimi ta' papri kuluverti mlaqqma

Il-Portugall għandu jiżgura li l-papri kuluverti mlaqqma miżmuma fl-azjenda imsemmija fl-Artikolu 1(1):

- (a) ikunu mmarkati individwalment;
- (b) ma jittieħdux f'azjendi oħra ta' pollam fil-Portugall;
- (c) jinħarġu mill-Portugall.

Wara li jintemm il-perjodu riproduttiv tagħhom, dawn il-papri kuluverti għandhom jinqatlu fl-azjenda imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni b'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009, u l-karkassi tagħhom għandhom jintremew b'mod sikur skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

Artikolu 5

Restrizzjonijiet fuq il-moviment u d-dispaċċ ta' bajd għat-tifqis ġej minn papri kuluverti li joriġinaw mill-azjenda imsemmija fl-Artikolu 1(1)

Il-Portugall għandu jiżgura li l-bajd tat-tifqis ġej minn papri kuluverti li joriġinaw mill-azjenda imsemmija fl-Artikolu 1(1):

- (a) jiġu ttrasportati biss f'mafqas fil-Portugall;
- (b) ma jintbagħtux mill-Portugall.

*Artikolu 6***Restrizzjonijiet fuq il-moviment u d-dispaċċ ta' papri kuluverti ġejjin minn papri kuluverti mlaqqma**

1. Il-Portugall għandu jiżgura li l-papri kuluverti li jitnissu minn papri kuluverti ġenituri mlaqqma jinħarġu mill-azjenda imsemmija fl-Artikolu 1(1) biex jintbagħtu f'azjenda li tinsab f'żona madwar dik l-azjenda biss wara t-tifqis.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-papri kuluverti li joħorġu minn papri kuluverti ġenituri mlaqqma u sakemm dawn ikollhom aktar minn erba' xhur jistgħu:
 - (a) jiġu meħlusa f'ambjent selvaġġ fil-Portugall, jew
 - (b) jintbagħtu 'l barra mill-Portugall, sakemm:
 - (i) ir-riżultati tat-testijiet ta' sorveljanza u tal-laboratorju kif stipulat fil-pjan ta' tilqim preventiv, ikunu favorevoli;
 - (ii) il-kundizzjonijiet għat-tqassim tat-tjur maħsuba għall-istokkjar mil-ġdid ta' tjur tal-kaċċa stipulati fid-Deċiżjoni 2006/605/KE jkunu ssodisfati.

*Artikolu 7***Iċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni ta' papri kuluverti mnissla minn papri kuluverti mlaqqma**

Il-Portugall għandu jiżgura li iċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ intra-Unjoni tat-tjur maħsuba għall-popolament mill-ġdid tal-provvisti tat-tjur tal-kaċċa, li jakkumpanjaw il-papri kuluverti mibgħutha skont l-Artikolu 6(2)(b), ikunu jinkludu s-sentenza li ġejja:

"Il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali f'din il-kunsinna huma konformi mad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/892 (*)

(*) ĠU L 146, 11.6.2015, p. 11."

*Artikolu 8***Rapporti u informazzjoni**

1. Il-Portugall għandu jressaq rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' tilqim preventiv fi żmien xahar mid-data tan-notifikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u jressaq rapport kull sena fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.
2. Il-Portugall għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan li ġej:
 - (a) l-emendi ppjanati fil-pjan ta' tilqim preventiv li l-approvazzjoni tagħhom hija prevista fl-Artikolu 2;
 - (b) id-data ta' tmien ta' tilqim preventiv fir-razzett imsemmi fl-Artikolu 1(1).
3. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-emendi proposti mill-Portugall u għandhom:
 - (a) jew jaqblu mal-emendi proposti għal pjan preventiv approvat skont l-Artikolu 2;
 - (b) jew jipprevedu proċedura ta' approvazzjoni ġdida għal emenda fil-pjan ta' tilqim preventiv.

*Artikolu 9***Applikabilità**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2020.

*Artikolu 10***Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni
